



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14623/19

COAFR 241
CFSP/PESC 914
DEVGEN 222
COHOM 130
COHAFA 107

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Is-Sudan - Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Diċembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan kif adottati fit-3738 laqgħa tal-Kunsill fid-9 ta' Diċembru 2019.

Is-Sudan
Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. It-transizzjoni politika tas-Sudan toffri opportunità storika lill-poplu tas-Sudan biex jingħaqad fil-ħidma għal pajjiż paċifiku, demokratiku u għani. Is-suċċess tagħha jibqa' kruċjali għall-istabbiltà fil-Qarn tal-Afrika u r-reġjun usa'.
2. L-UE tilqa' l-iskambju mal-Prim Ministru Abdalla Hamdok fi Brussell fil-11 ta' Novembru 2019 u tibqa' impenjata, bħala sieħeb ewlieni, li jakkumpanja lis-Sudan fi triqtu għal riforma politika, ekonomika u soċjali tiegħu, sabiex it-transizzjoni għad-demokrazija tirnexxi.
3. Sabiex tiġi garantita l-istabbiltà fit-tul tal-pajjiż, huwa kruċjali li t-transizzjoni tinkludi l-elementi kollha tas-soċjetà, b'mod partikolari n-nisa u ż-żgħażaġħ, kif ukoll il-persuni minn reġjuni partikolarment milqutin mill-kunflitt u l-marġinalizzazzjoni. L-UE ttenni wkoll l-importanza tas-soċjetà ċivili f'dan il-kuntest. L-UE tilqa' l-intenzjonijiet espressi mill-gvern transizzjonali f'dan ir-rigward u tappella għal aktar sforzi biex tiġi żgurata r-rappreżentanza ta' dawn il-gruppi fl-istadji kollha tal-proċess ta' transizzjoni. L-UE tinkoraġġixxi partikolarment il-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali, effettiva u sinifikattiva tan-nisa, inkluż is-superstiti tal-vjolenza sesswali, fl-isforzi kollha marbuta mat-transizzjoni politika u maż-żamma u l-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà.

4. Huwa biss gvern effettiv u mmexxi min-nies ċivili b'awtorità ta' teħid ta' deċiżjonijiet reali li ser jikseb il-fiduċja tal-poplu Sudaniż u jħejji l-pedamenti għal riformi sinifikattivi. L-istabbiliment f'waqtu tal-kunsill leġislattiv transizzjonali ser ikun pass sinifikanti fil-proċess ta' transizzjoni. L-UE tilqa' l-fatt li mill-inqas 40 fil-mija tas-siġġijiet fil-kunsill leġislattiv transizzjonali għandhom jiġu okkupati min-nisa. Il-bini ta' istituzzjonijiet demokratiċi, l-iżgurar tar-rispett għall-istat tad-dritt u t-tisħiħ ta' atturi demokratiċi huwa parti integrali tal-kisba tal-paċi u l-irkupru ekonomiku. L-UE hija lesta li tgħin f'dan il-proċess billi tappoġġa l-iżvilupp kostituzzjonali, l-isforzi biex jissaħħaħ id-djalogu fil-livell nazzjonali u lokali, u l-proċess elettorali li jmiss. Hemm bżonn ta' riformi makroekonomiċi sostanzjali biex l-ekonomija tas-Sudan terġa' tingħata l-ħajja u titqiegħed fit-triq lejn tkabbir inklużiv u sostenibbli. L-UE tinsab lesta tappoġġa l-pjanijiet tal-gvern transizzjonali f'dan ir-rigward.
5. L-UE tilqa' d-deċiżjoni li jinfetaħ Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-Sudan, kif ukoll l-ewwel impenji magħmula mill-awtoritajiet Sudaniżi biex itejbu s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż kollu. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' l-passi kuraġġużi u pożittivi mill-awtoritajiet Sudaniżi għat-tneħħija tal-Liġi dwar l-Ordni Pubbliku. Huma meħtieġa sforzi kontinwi biex daww l-impenji jiġu implimentati b'mod effettiv, b'mod partikolari billi jiġu żgurati l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll ir-rikonċiljazzjoni. Il-ġlieda kontra l-impunità, speċjalment ta' daww responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali, għandha tkun prijorità għall-awtoritajiet Sudaniżi. F'dan ir-rigward, l-UE tesprimi l-appoġġ sħiħ tagħha għall-ħatra reċenti ta' kummissjoni indipendenti li ser tinvestiga l-vjolenza użata kontra dimostranti paċifiċi matul is-sit-in fit-3 ta' Ġunju 2019, inkluż l-użu mifrux ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. L-UE tistieden lill-awtoritajiet Sudaniżi jiżguraw li din il-kummissjoni tingħata r-riżorsi kollha meħtieġa biex twettaq ħidmietha b'mod indipendenti, u jiżguraw li l-awturi tar-reati jinżammu responsabbli.

6. Wasal il-mument għall-atturi Sudaniżi kollha biex iħaddnu din l-opportunità storika u biex juru impenn ġenwin biex tintlaħaq paċi inklużiva u sostenibbli fid-Darfur, il-Kordofan tan-Nofsinhar u n-Nil il-Blu. L-UE tilqa' l-passi meħuda dan l-aħħar f'dan ir-rigward u thegħġegħ lill-partijiet ikkonċernati kollha biex iżidu l-isforzi biex tissaħħaħ l-inklużività fl-aspetti kollha tal-proċess ta' paċi, b'mod partikolari l-parteċipazzjoni effettiva tan-nisa, kif ukoll l-involvement sinifikattiv taż-żgħażaġh. L-UE tibqa' lesta tassisti fi proċess ta' paċi mmexxi mis-Sudan, bil-mezzi kollha disponibbli għaliha, f'koordinazzjoni mas-sħab reġjonali, speċjalment l-Unjoni Afrikana, anke - jekk meħtieġ - billi tirreaġixxi b'mod deċiżiv għal kwalunkwe tentattiv ta' tfixkil għall-proċess ta' paċi. Filwaqt li tilqa' l-estensjoni reċenti tal-mandat tal-Missjoni Ibrida fid-Darfur tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Unjoni Afrikana, l-UE tistenna li l-awtoritajiet transizzjonali u partijiet ikkonċernati oħra jibnu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-paċi u jimplimentaw miżuri għall-bini ta' fiduċja fid-Darfur. F'dan ir-rigward, l-UE tappella lis-Sudan biex jikkoopera bis-sħiħ mal-Qorti Kriminali Internazzjonali skont ir-Risoluzzjoni 1593 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.
7. Il-komunità internazzjonali għandha tagħti appoġġ finanzjarju kkoordinat tajjeb u msaħħaħ. Il-Gvern Sudaniż għandu jieħu tmexxija b'saħħitha fil-koordinazzjoni ta' dan l-appoġġ u jkompli jesprimi l-prijoritajiet tiegħu għal appoġġ finanzjarju u tekniku estern. L-UE min-naħa tagħha hija impenjata li tappoġġa lis-Sudan biex iwieġeb għall-ħtiġijiet tal-pajjiż fuq perijodu ta' żmien immedjat, medju u fit-tul, abbażi tal-prijoritajiet tal-gvern ta' transizzjoni u b'kont meħud tal-ħtieġa urġenti li jittejbu l-kondizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-popolazzjoni. It-trasparenza fil-ġestjoni tal-ekonomija nazzjonali u r-riżorsi tan-nazzjon ser tkun kruċjali f'dak il-proċess. It-tneħħija tas-Sudan mil-Lista tal-Istati Uniti ta' Stati li Jappoġġaw it-Terroriżmu u l-involvement mill-ġdid tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali għandhom jikkontribwixxu għall-irkupru ekonomiku tas-Sudan. Għal dan il-għan, ser ikunu meħtieġa sforzi, inkluż mis-Sudan, biex ix-xkiel li fadal jiġi indirizzat malajr. L-UE ser tappoġġa lis-Sudan b'mod attiv bil-ħsieb ta' dan l-involvement mill-ġdid, li ser jikkontribwixxi għall-proċess ta' żgurar ta' taffija tad-dejn tal-pajjiż, l-aċċess għall-finanzi u l-investment barrani. Dan huwa essenzjali għal tkabbir ekonomiku sostenibbli. L-UE tilqa' wkoll l-intenzjoni tas-Sudan li jaderixxi mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

8. Filwaqt li tilqa' l-passi reċenti meħuda mill-gvern transizzjonali, l-UE tibqa' mħassba bis-sitwazzjoni umanitarja li qed tiddeterjora, li ġiet aggravata minn għadd kbir ta' refuġjati u persuni spostati internament. Huwa vitali li l-partijiet ikkonċernati kollha Sudaniżi jirrispettaw l-obbligi internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipji umanitarji u d-dritt umanitarju internazzjonali, biex jiżguraw aċċess umanitarju sikur u mingħajr xkiel fis-Sudan kollu. L-UE tappella lill-awtoritajiet Sudaniżi biex ineħħu l-ostakli burokratiċi li fadal għall-ħidma tal-atturi umanitarji u tal-iżvilupp. L-UE ser tibqa' tappoġġa lil nies fil-bżonn ta' assistenza u protezzjoni umanitarja, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli.
9. F'din il-fażi ġdida ta' relazzjonijiet, l-UE taspira li tintensifika d-djalogu politiku tagħha mas-Sudan. L-UE tħeġġeġ lis-Sudan biex ikun sieħeb attiv fil-qafas UE-Afrika, Karibew u Paċifiku. Tħeġġeġ ukoll lis-Sudan biex ikun involut b'mod kostruttiv fl-appoġġ għall-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun tal-Qarn tal-Afrika, b'mod partikolari bħala l-president li jmiss tal-Awtorità Intergovernattiva dwar l-Iżvilupp.
-